MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 174/2011

**GasanMamo Insurance Ltd C3143**

**vs**

**Gaetano Agius**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta' elf, erba' mija, tlieta u erbghin Ewro tmienja u disghin centezmi (€1,443.98c) bilanc minn somma akbar u dana peress li bi skrittura privata tad-19 ta' Dicembru 2005 il-konvenut istitwixxa ruhu bhala debitur tas-Socjeta' fl-ammont ta' €1,513.85c liema ammont kellu jithallas f'rati mensili ta' €69.87c li minnhom thallset rata wahda biss.

Mal-Avviz hemm esibita l-iskrittura markata Dok A u bhala Dok B hemm ricevuta dwar il-pagament akkont imsemmi.

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-

It-TALBA hi nfondata billi l-iskrittura Dok A inkisbet b'qerq prattikat fuq il-konvenut, persuna llitterata. Dan qed jinghad fl-isfond tas-sentenza moghtija fl-20 ta' Marzu 2006 mill-Qorti Kriminali bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li permezz taghha l-konvenut gie liberat mill-akkuzi b'riferenza ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza.

II PROVI

1. Gaetano Agius xehed li hu jbati bid-diabete u jaf li kien Haz-Zebbug u nizillu z-zokkor u minhabba f'hekk ma jafx x'kien qed jigri u kellu ncident konsistenti filli habat ma karozza parkjata. Kellem lill-assikuraturi tieghu (is-Socjeta' Attrici) li maghha kellu polza "full third party & theft". Allura ghamel "claim" mal-Assikuraturi li eventwalment qalulu li kien ser jitressaq ghal xi affarijiet kriminali u li forsi ma jkopruhx.

2. Zied jghid li qalulu jiffirma karta li fiha jinghad li jekk jinstab hati jrid ihallas l-ispejjes tal-iehor hu u jekk le, ma jhallasx u jiehu l-flus lura. Qalulu jiffirma d-Dok A. Qal "jien ma nifhimx u ridt nehodha biex jara l-avukat imma ma riedux li jtuni kopja biex nehodha ghand l-avukat u qaluli bilfors trid tiffirma u jien b'hekk iffirmajt".

Qalulu li "din il-karta" tigi annessa mal-proceduri kriminali.

3. Fil-fatt hu gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza tal-20 ta' Marzu 2006 (*a fol* 62).

4. Margaret Sciberras, bint il-konvenut qalet li missierha kien infurmaha li kien iffirma xi karta li taghha ma kellux kopja. Hi maret l-ufficcju tas-Socjeta' Attrici u kellmet lil Mario Buttigieg u talbitu kopja. Spjegalha li ma kienx hemm ghalfejn ghax jekk missierha kien johrog liberat fil-kawza kriminali kien jiehu l-flus lura.

5. Mario Buttigieg qal li jaghraf il-firma tieghu fuq id-Dok A (esebita wkoll bhala Dok MB1 *a fol* 31) liema skrittura giet redatta quddiemu. Jaf li l-konvenut kien semma z-zokkor u li kien nizillu z-zokkor u li kienu tellawh fuq "drink driving". Cahad li qallu li huma kienu jintrabtu ma dak li jirrizulta fil-kriminal ghax hu jaf li l-kawzi kriminali m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kawzi civili. Zied li "naf li s-sinjur ma jiktibx imma rigwardanti firem u mhux firem ma niftakarx ghaliex ghadda wisq zmien" (xhieda moghtija fl-udjenza tal-21.11.2012.

6. Max Borg Bonello xehed ghan-nom tas-Socjeta' Attrici u esibixxa estratt mill-*file* relativ ghall-konvenut bhala Dok MBB (*a fol* 48 *et seq*). Dak iz-zmien kellhom impjegat maghhom lil Mario Buttigieg (ara para precedenti) li, fis-16 ta' Dicembru 2005 kellem lill-konvenut ghax kellhom suspett li fl-incident mertu tal-kawza dan kien isuq taht l-influwenza ta' xorb spiritus. Minhabba dan ma kienux ser ihallsu l-ispejjes tal-"claim". Skond notament, il-konvenut mar ghandhom fil-21.12.05 u ffirma d-Dok A izda attwalment dan igib id-data tad-19.12.05.

7. Zied li x'jitnizzel fil-*file* hu fid-diskrezzjoni ta' min ikun qed jiehu n-notamenti. Ma hemmx notament li kien sar meeting ma Margaret Sciberras (ara *para* 4 *supra*). Ma jafx il-kopja tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati min tahielhom.
8. Meta raga xehed f'seduta sussegwenti esibixxa *file notes* bhala Dok MBB1 u bhala Dok MBB2 dokumenti dwar il-konvenut. Hu spjega li darba li l-imputat kien iffirma d-Dok A huma accettaw li jhallsu lit-terz. Zied li <u>jassumi</u> (enfasi tat-TRIBUNAL) li "la s-Sur Gaetano Agius accetta li jhallas bin-nifs mela hu ammetta li kien qed isuq taht l-influwenza tal-*alcohol".*

9. Il-gbir tax-xhieda nghalaq billi raga xehed il-konvenut immedjatament wara li xehed Max Borg Bonello. <u>Il-konvenut</u> qal li hu la jaf jaqra u anqas jikteb. Qal li fehem li Mario Buttigieg kien qallu li kien jidher li kellu tort u allura ahjar issir il-kitba u s-Socjeta' Attrici tiffranka l-ispejjes. Fehem ukoll li jekk jinstab mhux hati jintraddlu lura dak li kien ikun hallas sa dak iz-zmien. Dak li kien mitlub jiffirma talab kopja tieghu ha jurih lill-avukat "u hu qalli li m'hemmx ghalfejn ghax il-procedura hekk kienet". Kopja tal-karta ma tawhx.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn ghandna konvenut li fir-rigward tal-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza hu gie liberat mill-Qorti Kriminali, pero' l-konvenut **qabel** kien iffirma d-Dok A, skrittura bejnu u s-Socjeta' Attrici (Assikuraturi tieghu) dwar *quantum* ta' danni li din kienet ser thallas lil terz li sofra danni fl-incident.

2. Ta min hawn iqis dawn id-dati:-

i) L-incident sehh fis-26 ta' Ottubru 2005.
ii) Il-konvenut mar mill-ewwel ghand l-assikuraturi tieghu u eventwalment iffirma d-Dok A li jirriferi ghal hlas lil terz <u>bla ma hemm menzjoni ta' assunzjoni ta' responsabilta' da parti tal-assikurat</u> (il-konvenut). Data tad-Dok A 19 ta' Dicembru 2005.
iii) B'sentenza tal-20 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali lliberat lill-intimat (konvenut odjern) minn kull imputazzjoni.

3. Hu ben risaput li Qorti Civili mhiex marbuta ma dak li tiddeciedi Qorti Kriminali fuq l-istess fatt. Dan hu floku meta tqis li l-Qorti Kriminali tiddeciedi skond dak li jirrizultalha "beyond resonable doubt" mentri Qorti Civili hi gwidata mill-"balance of probabilities" u l-"id quod prelumque accidit". B'danakollu, Qorti Civili ghandha tqis ukoll dak li tiddeciedi Qorti Krimnali bhala li jifforma parti mill-assiem ta' provi. Ma tistax aprioristikament jew senz'alto twarrbu.

4. Hawn il-Qorti Kriminali qalet hekk:-

*Ikkunsidrat illi wara spjegazzjoni da parte tal-imputat illi fil-hin tal-incident kellu attakk ta' sturdament minhabba livell baxx tal-insulina, di piu it-test tan-nifs*

*kien inkonklussiv; Ghalhekk ghall-fini ta' procedura kriminali biss, l-akkuza ma tirrizultax u ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.*

5. Hawn wiehed jinnota kif dik il-Qorti qaghdet tispecifika n-natura tal-process li kellha quddiemha, jigifieri dak kriminali, avvolja ma kellhiex ghalfejn taghmel dan.

6. Ix-xhieda tal-konvenut (li f'dal kaz lilu kienet tispetta l-prova) kienet f'das-sens:-

i) Meta gara l-incident mar minnufih ghand is-socjeta' attrici u din halliet il-kaz f'idejn Mario Buttigieg;
ii) Hu mill-ewwel semmielhom l-attakk tad-dijabete;
iii) Huma semmewlu s-suspett li kien isuq taht l-influwenza ta' xorb spirituz. Qalulu biex ihallsu lil terz (dak li mieghu habtet il-vettura tal-konvenut). Ikkoncedew lill-konvenut li lilhom ihallsuhom f'rati mensili. Qalulu li jekk jirrizulta li l-incident ma kienx kagunat minn xorb hu jiehu kollox lura.
iv) Il-konvenut ma jafx jaqra u jikteb. Talabhom kopja ta' dak li kien ser jiffirma u ma riedux ituh.

7. Immedjatament wara, Rita Sciberras (bint il-konvenut) marret titlobhom kopja tad-Dok A u ma tawhiex.

8. Nigu ghas-Socjeta' Attrici. Dak li ttratta mal-konvenut kien Mario Buttigieg, dak iz-zmien impjegat mas-Socjeta'. Fil-Qorti deher ghas-Socjeta' Max Borg Bonello li xehed minn fuq dokumenti jew notamenti lakonici izda bla ebda *scientia de proprio* dwar il-kaz.

9. Mario Buttigieg qal li l-konvenut <u>semmielu d-dijabete</u> u hawn wiehed iqis li dan qabel il-firmar tad-Dok A. B'danakollu huma hejjewlu d-Dok A fejn, kif ga nnota t-TRIBUNAL, hemm rabta ghal hlas izda bla ma *tissemma raguni* ghala dik ir-rabta. Kulma jinghad "I hit Opel Astra (Registration no MZE 517 … and KAB 031. Ma tissemmiex xi ammissjoni ta' htija skond il-ligi da parti tal-konvenut. Hu ovvju li s-Socjeta' Attrici riedet tkopri l-interessi taghha u dana fil-konfront ta' assikurat taghha li la jaf jaqra u anqas jikteb u anqas inghata l-opportunita' li juri d-Dok A lill-avukat tieghu qabel jiffirmah.

10. Fil-fehma meqjusa tat-TRIBUNAL is-Socjeta' Attrici agixxiet b'certa leggerezza, basta qieset li l-interessi taghha jigu salvagwardati u dana a skapitu ta' assikurat taghha li ma kienx imfisser lilu u wisq kien qed japprezza ghal x'hiex kien qed jesponi ruhu. Bniedem li ma kellux assistenza legali u meta talab li qabel jiffirma juri l-kitba lil avukat, din ma tawhielux.

11. Fir-rigward tax-xhieda ta' bint il-konvenut li din marret ghand is-Socjeta' Attrici biex titlobhom kopja tad-Dok A. Max Borg Bonello ma sab xejn miktub. Zied

ukoll li n-notamenti jitnizzlu minn min ikun kellem lil dak li jkun, fid-disrkezzjoni tieghu. M'hemmx linji specifici partikulari.

12. In definitiva, it-TRIBUNAL, anke gwidat minn principji ta' ekwita', isib li ghandu jilqa l-eccezzjoni. B'dana li hawn si tratta ta' kaz fejn minhabba l-imgieba tas-Socjeta' Attrici li, anke b'leggerezza jekk mhux ukoll b'sens ta' rutina, fittxet l-iqsar triq biex tissalvagwardja l-interessi taghha, b'dannu tal-konvenut.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi

(1) Jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut.
Jichad it-talba tas-Socjeta' Attrici u jikkundanna lis-Socjeta' Attrici thallas l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------